MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Numru. 685/2005

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
Vs
Margaret Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata fuq imsemmija, li permezz taghhom hija giet akkuzata talli f'xi gurnata bejn it-2 u s-6 ta' April 2005 fil-Belt Valletta jew f'lok iehor f'dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq ta' tromba tal-marka Konus Digivue, liema serq li huwa kkwalifikat bil-persuna, xorta tal-haga misruqa u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltija, sar ghad-dannu ta' Alfred Gatt mill-Mgarr;

Ukoll talli fil-gimghat ta' qabel id-29 ta' Lulju 2005 f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg u cioe' it-tromba msemmija, misruqa mehduda b'qerq jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbiegha jew tmexxiha;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata debitament assistita volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dana waqt is-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2006 meta kienu qed isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta’ din l-ammissjoni uipposponiet il-kawza sabiex l-imputata terga tahsibha. Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputata baqghet ittenni li riedet tirregistra ammissjoni. Ghalhekk fuq ammissjoni volontarja tal-imputata il-Qorti taqta u tiddeciedi billi issib lill-istess imputata <u>hatja</u> ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (d), 261 (c), 261 (g), 267, 268, 271, 279, 280, 281, 17, 20 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputata ikkoperat ferm mal-pulizija matul l-investigazzjoni, ghandha fedina penali netta, ir-resfurtiva giet rekuperata mill-pulizija u giet mghoddija lil sidha, il-fatt illi d-derubat informa lill-ufficjal prosekutur illi kien hafer lill-imputata ta’ dak illi gara, kif ukoll il-fatt illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputata kellha zewgt itfal jghixu maghha u kienet iddisprata ghall-flus. Ghalhekk il-Qorti ma tarax illi piena karcercarja tkun piena adegwata ghal dak illi gara u tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputata, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberaha tobbligaha li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------